7. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jiżguraw*** taħriġ ***obbligatorju u kontinwu*** għall-impjegaturi***, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji*** psikosoċjali ***relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;***	7. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***u lis-sħab soċjali jagħmlu disponibbli*** taħriġ għall-impjegaturi ***u għall-ħaddiema dwar il-ġestjoni tar-riskji*** psikosoċjali***, filwaqt li jiżguraw li inizjattivi bħal dawn ikunu prattiċi, aċċessibbli, u mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' setturi differenti.***

Or. en

Emenda 211
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri ***jiżguraw*** taħriġ ***obbligatorju u*** kontinwu għall-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;	7. Jistieden lill-Istati Membri ***jirrakkomandaw*** taħriġ kontinwu għall-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;

Or. en

Emenda 212
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ ***obbligatorju u*** kontinwu għall-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;	7. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw taħriġ kontinwu għall-impjegaturi, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju psikosoċjali, inklużi l-fastidju u l-vjolenza, u l-miżuri ta' prevenzjoni;

Or. en

Emenda 213
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi

jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol;

Or. en

Emenda 214
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;	8. ***Ifakkar l-approvazzjoni tal-PE fl-2024 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u jħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jagħmlu dan malajr; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jadottaw approċċ ta' tolleranza żero għall-vjolenza, speċjalment għas-setturi professjonali u li jiffaċċjaw il-klijenti, li huma l-aktar esposti; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ftehimiet kollettivi nazzjonali jinkludu protokolli ta' sikurezza ċari u infurzabbli li jiddefinixxu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha f'inċidenti ta' vjolenza kontra l-ħaddiema;*** jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;

Or. en

Emenda 215
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ***ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli*** biex jiġu indirizzati ***każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni*** fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li ***tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi***;	8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ***interni effettivi*** biex jiġu indirizzati ***l-fastidju u l-vjolenza*** fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li ***jenfasizza r-rwol tad-djalogu soċjali u l-politiki u s-sistemi eżistenti fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll is-sistemi stabbiliti f'konformità mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi, biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur***;

Or. en

Emenda 216
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;	8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, ***inklużi każijiet li jinvolvu abbuż ġerarkiku jew imġiba ħażina mis-superviżuri jew mill-maniġment,*** filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi ***anke meta kundizzjonijiet tax-xogħol negattivi joriġinaw minn kollega, superviżur jew impjegatur***;

Or. en

Emenda 217
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra ***r-ritaljazzjoni*** u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;	8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra ***trattament negattiv*** u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;

Or. en

Emenda 218
Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u ***diskriminazzjoni*** fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;	8. Jissottolinja l-importanza ta' proċeduri ċari, kunfidenzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jiġu indirizzati każijiet ta' fastidju, vjolenza u ***bullying*** fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-vittmi;

Or. en

Emenda 219
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz tal-istabbiliment ta'	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz tal-istabbiliment ta'

standards minimi fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;	standards minimi fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi jesploraw il-benefiċċji potenzjali tal-espansjoni tal-mandat tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol biex tinkludi l-ġbir u t-tixrid tal-aħjar prattiki tal-ispettorati nazzjonali tax-xogħol u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq dawn it-tagħlimiet;***

Or. en

Emenda 220
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri ***jsaħħu*** l-ispettorati tax-xogħol ***permezz tal-istabbiliment ta' standards minimi fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet*** tax-xogħol ***fil-qasam*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, ***inklużi*** taħriġ ***speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi***;	9. Jistieden lill-Istati Membri ***jiżguraw li*** l-ispettorati tax-xogħol ***tagħhom jinkludu fl-ispezzjonijiet*** tax-xogħol ***rispettivi tagħhom il-qasam*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, ***filwaqt li jipprovdulhom*** taħriġ ***xieraq***;

Or. en

Emenda 221
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu ***l-ispettorati*** tax-xogħol permezz ***tal-istabbiliment*** ta' ***standards minimi fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi*** taħriġ speċjalizzat, ***għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ,*** u ***riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni*** u l-infurzar effettivi***;***	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu ***l-kapaċità tal-ispettorati*** tax-xogħol permezz ta' taħriġ speċjalizzat, ***immirar aħjar tal-ispezzjonijiet*** u ***appoġġ adegwat għall-prevenzjoni*** u l-infurzar effettivi ***b'mod partikolari billi jitqiesu r-realtajiet tal-SMEs.***

Or. en

Emenda 222
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Mąląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz tal-istabbiliment ta' ***standards minimi fl-UE kollha*** għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz tal-istabbiliment ta' ***kooperazzjoni msaħħa u l-iskambju tal-aħjar prattiki*** għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;

Or. en

Emenda 223
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz ***tal-istabbiliment ta'*** standards ***minimi*** fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz ***ta' proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar*** standards fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;

Or. en

Emenda 224
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol ***permezz tal-istabbiliment*** ta' standards ***minimi*** fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;	9. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol ***abbażi*** ta' standards fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;

Or. en

Emenda 225
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz ***tal-istabbiliment ta'*** standards ***minimi*** fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;	9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ispettorati tax-xogħol permezz ***tal-iskambju tal-aħjar prattiki u*** standards fl-UE kollha għall-ispezzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inklużi taħriġ speċjalizzat, għodod armonizzati ta' valutazzjoni u monitoraġġ, u riżorsi adegwati biex jappoġġjaw il-prevenzjoni u l-infurzar effettivi;

Or. en

Emenda 226
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun stabbilit qafas regolatorju ċar u li dan jiġi implimentat b'mod effettiv għall-protezzjoni tal-ħaddiema mill-vjolenza u mill-fastidju minn partijiet terzi fuq il-post tax-xogħol; jissottolinja li l-ebda relazzjoni kummerċjali jew interess kummerċjali ma jistgħu jiġġustifikaw jew ikopru mġiba abbużiva lejn il-ħaddiema;

Or. el

Emenda 227
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri	10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri

jinkorporaw miżuri ta’ prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard ***u l-korrimenti*** okkupazzjonali biex tkun tista’ ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta’ prevenzjoni u intervent;	jinkorporaw miżuri ta’ prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ data ***komparattiva u preċiża ta’ kwalità għolja*** dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard okkupazzjonali biex tkun tista’ ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta’ prevenzjoni u intervent; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li l-edukazzjoni u t-taħriġ preventivi dwar ir-riskji psikosoċjali jiġu integrati fis-sistemi ta’ tagħlim tul il-ħajja, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;***

Or. en

Emenda 228
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Mąląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta’ prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista’ ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta’ prevenzjoni u intervent;	10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta’ prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta’ data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista’ ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta’ prevenzjoni u intervent***, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż***

amministrattiv, speċjalment għall-SMEs;

Or. en

Emenda 229
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;	10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li ***jagħtu attenzjoni partikolari lill-gruppi aktar vulnerabbli, bħan-nisa u ż-żgħażagħ, u*** jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;

Or. en

Emenda 230
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li	10. ***Jinkoraġġixxi*** lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li

jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;	jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;

Or. en

Emenda 231
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;	10. ***Jirrakkomanda*** lill-Istati Membri jinkorporaw miżuri ta' prevenzjoni primarji u sekondarji fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, filwaqt li jiżguraw koordinazzjoni effettiva bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa, l-ispettorati tax-xogħol, u s-sħab soċjali; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ġbir, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' data dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-assenzi assoċjati, il-mard u l-korrimenti okkupazzjonali biex tkun tista' ssir evalwazzjoni aktar preċiża tal-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni u intervent;

Or. en

Emenda 232
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota l-effetti detrimentali li t-telexogħol full-time jista' jkollu fuq il-ħaddiema, b'mod partikolari meta jiġi impost mill-impjegatur; jenfasizza li tali arranġamenti jistgħu jfixklu l-iżvilupp ta' konnessjonijiet soċjali sinifikattivi mal-kollegi, inaqqsu l-opportunitajiet għal skambji informali u appoġġ bejn il-pari, u jillimitaw l-aċċess għat-tagħlim fuq il-post tax-xogħol u l-gwida professjonali; jissottolinja li l-iżolament fit-tul, flimkien ma' konfini inqas ċari bejn il-ħajja professjonali u dik privata, jistgħu jżidu r-riskju ta' stress u burnout; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza li jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat u volontarju għat-telexogħol, inklużi opportunitajiet adegwati għal interazzjoni wiċċ imb wiċċ u appoġġ maniġerjali;

Or. en

Emenda 233
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess universali, mingħajr ħlas u pubbliku għas-servizzi tas-saħħa mentali għall-ħaddiema kollha;

Or. el

Emenda 234
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol***, skedi flessibbli,*** u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol ***għall-kompiti, is-sigħat jew l-ambjent*** u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, ***inkluż il-persunal tar-riżorsi umani u s-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali,*** il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;

Or. en

Emenda 235
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, ***skedi*** flessibbli***,*** u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi***, il-fornituri*** tal-kura tas-saħħa***, u s-sħab soċjali*** biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali***, tqala, implikazzjonijiet ta' tqala jew korriment***; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, ***telexogħol, sigħat tax-xogħol*** flessibbli u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi ***u l-fornituri*** tal-kura tas-saħħa biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati

r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;

Or. en

Emenda 236
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, ***inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, skedi flessibbli, u*** appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;	11. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' politiki komprensivi ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, ***inkluż*** appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul;

Or. en

Emenda 237
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq fuq ***il-ħtieġa ta' politiki komprensivi*** ta' ritorn għax-xogħol li jappoġġjaw ***lill-impjegati wara mard jew diffikultajiet psikosoċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' riintegrazzjoni mfassla apposta, inklużi aġġustamenti fuq il-post tax-xogħol, skedi***	11. Jisħaq fuq ***l-importanza ta' inizjattivi*** ta' ritorn ***volontarju*** għax-xogħol ***u arranġamenti flessibbli żviluppati permezz tad-djalogu soċjali fil-livell tal-post tax-xogħol,*** li jappoġġjaw ***ir-riintegrazzjoni tal-impjegati mingħajr ma joħolqu obbligi legali riġidi għall-***

flessibbli, u appoġġ kontinwu għas-saħħa okkupazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul***;***

impjegaturi; jenfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-kura tas-saħħa, ***l-atturi tas-settur pubbliku*** u s-sħab soċjali biex jiġi ffaċilitat ritorn bla xkiel, sostenibbli u inklużiv għax-xogħol, filwaqt li jiġu evitati r-rikaduti u jiġi promoss il-benesseri fit-tul***.***

Or. en

Emenda 238
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-Istati Membri mhumiex mgħammra b'mod uniformi biex jipproteġu lill-ħaddiema kontra riskji psikosoċjali relatati max-xogħol; jinnota li xi wħud diġà adottaw miżuri leġiżlattivi u ta' politika speċifiċi biex jindirizzaw dawn l-isfidi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħaħ l-għarfien tal-UE dwar l-aktar miżuri ta' prevenzjoni effettivi billi ttejjeb il-ġbir u l-monitoraġġ tad-data, tivvaluta l-impatt tal-politiki eżistenti, u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, il-kumpaniji u s-sħab soċjali;

Or. en

Emenda 239
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jisħaq li l-impjiegi prekarji u l-intensifikazzjoni tax-xogħol huma fattur ewlieni fir-riskji psikosoċjali u jitlob l-eliminazzjoni ta' forom abbużivi ta' impjieg, inkluż impjieg indipendenti fittizju;

Or. el

Emenda 240
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq ***il-ħtieġa*** ta' ***standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji*** psikosoċjali ***relatati max-xogħol***, ***sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni*** legali ***u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;***	12. Jisħaq fuq ***il-valur*** ta' ***linji gwida u definizzjonijiet Ewropej komuni żviluppati f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali biex tiġi pprovduta ċarezza dwar ir-riskji*** psikosoċjali, ***filwaqt li jiġu rispettati s-sistemi nazzjonali u jiġu evitati rekwiżiti*** legali ***frammentati jew kumplessi żżejjed.***

Or. en

Emenda 241
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi*** fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u ***l-kumpens ta' riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol***, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema***; ***jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li ***tkopri*** r-riskji li jirriżultaw ***mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol*** u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***u li tinkludi*** kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, ***il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni***;	12. ***Jappella għall-valutazzjoni tal-aħjar prattiki*** fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u ***l-protezzjoni kontra r-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol; ***jirrakkomanda lill-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għan-negozjar kollettiv, jipproponu definizzjonijiet ċari*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li ***jkopru*** r-riskji li jirriżultaw ***minn fatturi organizzattivi*** u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***kif ukoll riskji li jirriżultaw mill-kuntest soċjali fuq il-post tax-xogħol, inklużi*** kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, ***disturbi tal-ansjetà, problemi tal-irqad u għeja***;

Or. en

Emenda 242
Raúl de la Hoz Quintano, Angelika Winzig, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema;*** jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ***ċara u legalment*** vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali	12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***gwida u*** definizzjoni ***mhux*** vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 243
Miriam Lexmann, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ***standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema***; jistieden lill-Kummissjoni ***tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol u ***tal-fatturi*** ta' riskju psikosoċjali, li ***tkopri*** r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li ***tinkludi*** kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ***implimentazzjoni bir-reqqa tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol kif ukoll ta' promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri***; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżviluppa u tippromwovi strateġiji effettivi biex tipprevjeni r-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol u ***tindirizza u timmitiga l-fatturi*** ta' riskju psikosoċjali, li ***jkopru*** r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li ***jinkludu*** kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 244
Geadis Geadi, Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni***, filwaqt li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u tqis il-mudelli tas-suq tax-xogħol nazzjonali***;

Or. en

Emenda 245
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u legalment vinkolanti tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-

ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni***, u ż-żieda fir-riskji psikosoċjali relatati mas-sorveljanza diġitali u l-ġestjoni algoritmika fuq il-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 246
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***definizzjoni ċara u legalment vinkolanti*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***definizzjonijiet komplementari*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 247
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara ***u legalment vinkolanti*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 248
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Martine Kemp, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ***ċara u legalment vinkolanti*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali	12. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' standards minimi fir-rikonoxximent, il-prevenzjoni u l-kumpens ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, sabiex jiġu evitati l-frammentazzjoni legali u l-protezzjoni inugwali tal-ħaddiema; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u tal-fatturi ta' riskju psikosoċjali, li tkopri r-riskji li jirriżultaw mill-organizzazzjoni tax-xogħol, mill-prattiki tat-tfassil u tal-ġestjoni, mill-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u mill-

fuq il-post tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;	kundizzjonijiet tax-xogħol, u li tinkludi kwistjonijiet bħall-istress relatat max-xogħol, ***il-fastidju morali,*** il-burnout, il-fastidju, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 249
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja li l-miżuri għall-prevenzjoni u l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol iridu jkunu fattibbli għall-kumpaniji ta' kull daqs, u għalhekk għandhom jirriflettu r-realtajiet speċifiċi tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza li l-SMEs għandhom jibbenefikaw minn appoġġ iddedikat bħal għodod simplifikati u diġitali għall-valutazzjoni tar-riskju, gwida prattika speċifika għas-settur u assistenza finanzjarja jew konsultattiva mmirata biex jimplimentaw titjib organizzattiv u miżuri ta' riintegrazzjoni; jisħaq li tali appoġġ imfassal apposta jista' jgħin lill-SMEs jinkorporaw prevenzjoni effettiva u sostenibbli tar-riskji psikosoċjali fl-operazzjonijiet tagħhom ta' kuljum filwaqt li jibqgħu allinjati bis-sħiħ mal-ambizzjoni tal-Unjoni li tippromwovi postijiet tax-xogħol sikuri, tajbin għas-saħħa u produttivi;

Or. en

Emenda 250
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq il-fatt li ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali huma fatturi ta' riskju kontributuri lejn il-prevalenza tar-riskju psikosoċjali detrimentali relatat max-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi regoli ċari dwar il-ġestjoni algoritmika u l-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol flimkien ma' inizjattiva Ewropea dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol biex jiġu indirizzati r-riskji kollha; jitlob li s-sistemi u t-teknoloġiji ta' ġestjoni algoritmika jiġu integrati aħjar fis-sistemi tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-postijiet tax-xogħol, bl-involviment effettiv tar-rappreżentanti tal-ħaddiema;

Or. en

Emenda 251
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji okkupazzjonali assoċjati mas-sħana, l-istress mis-sħana u avvenimenti estremi tat-temp jeħtieġ li tittejjeb; ifakkar li l-perikli klimatiċi bħal mewġiet ta' sħana, nirien fis-selvaġġ, għargħar, maltempati, u perjodi ta' kesħa qed isiru aktar komuni u aktar intensi, u joħolqu mhux biss riskji għas-saħħa fiżika, bħal puplesija tas-sħana, korrimenti, u mard respiratorju, iżda wkoll sfidi għas-saħħa mentali, inklużi ansjetà u stress, u jkomplu jżidu r-riskju ta' aċċidenti, mard, u telf ta' produttività

fis-suq tax-xogħol kollu; jinnota li dawk li jwieġbu għall-emerġenzi jiffaċċjaw regolarment sfidi tas-saħħa mentali, inklużi stress kroniku, ansjetà, burnout, u disturb minn stress postrawmatiku, peress li joperaw taħt pressjoni ta' ħajja jew mewt u spiss ikunu esposti għall-mewt, għat-tbatija, u f'xi każijiet għall-vjolenza jew għall-inkwiet ċivili;

Or. en

Emenda 252
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament adegwat u kkoordinat fis-setturi tas-saħħa, soċjali u tax-xogħol għall-implimentazzjoni ta' miżuri tas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inkluż l-aċċess għal gwida esperta dwar interventi effettivi biex jiġu appoġġjati l-intrapriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), fl-applikazzjoni ta' tali miżuri mingħajr pożijiet amministrattivi addizzjonali; iqis li l-finanzjament għandu jintuża wkoll biex jissaħħu r-riżorsi għall-konsulenza, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-istandards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali relatati mas-saħħa mentali, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kapaċità tas-servizzi tas-saħħa u tax-xogħol biex jidentifikaw u jindirizzaw kwistjonijiet ta' saħħa mentali relatati max-xogħol, u b'hekk jittejjeb l-aċċess għall-kura;

Or. en

Emenda 253
Miriam Lexmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 254
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 255
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Georgiana Teodorescu, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Malą̧g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 256
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Arba Kokalari, Raúl de la Hoz Quintano, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-	***imħassar***

rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;

Or. en

Emenda 257
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem l-2026, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, inklużi rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 258
Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni ***tippreżenta, sa tmiem l-2026**, **abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa*** mentali fuq il-post tax-xogħol,	13. Jitlob li l-Kummissjoni***, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali**, **tiżgura enfasi kontinwa fuq it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tad-direttivi eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki għall-ġestjoni tas-saħħa*** mentali fuq il-post tax-xogħol***; iħeġġeġ lill-***

inklużi ***rekwiżiti minimi bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha***;	***Kummissjoni tqis li tinkludi kjarifika li l-obbligu fuq l-impjegaturi li jwettqu valutazzjoni tar-riskju jikkonċerna r-riskji kollha fuq il-post tax-xogħol, skont id-Direttiva Qafas dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali***, inklużi ***r-riskji psikosoċjali bħala parti mill-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Post tax-Xogħol kif indikat inizjalment mill-Kummissjoni li għandha tiġi inkluża fl-Att dwar l-Impjiegi ta' Kwalità***;
	Or. en

Emenda 259
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, sa tmiem ***l-2026***, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol***, inklużi rekwiżiti minimi*** bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;	13. Jitlob li l-Kummissjoni ***twettaq valutazzjoni tal-impatt ikkomplementata minn test tal-kompetittività u tal-SMEs u*** tippreżenta, sa tmiem ***l-2027***, abbażi tal-Artikolu 153(2), il-punt (b), u l-Artikolu 153(1), il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***u r-riżultat tal-passi msemmija hawn fuq***, proposta għal direttiva dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol ***li tindirizza l-lakuni li fadal fil-leġiżlazzjoni eżistenti u tevita l-ħolqien ta' sovrapożizzjoni ta' strumenti legali,*** bil-ħsieb ta' protezzjoni ta' livell għoli u ekwivalenti għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness tagħha;
	Or. en

Emenda 260
Raúl de la Hoz Quintano, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-implimentazzjoni, l-infurzar u s-simplifikazzjoni effettivi tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 89/391/KEE, u tivvaluta l-impatt ta' miżuri mhux leġiżlattivi, linji gwida u skambju tal-aħjar prattiki qabel ma tqis kwalunkwe proposta leġiżlattiva ġdida;

Or. en

Emenda 261
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li kwalunkwe reviżjoni futura tal-leġiżlazzjoni attwali jew proposti ġodda għandha tirrispetta d-diversità tas-sistemi nazzjonali, il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-awtonomija tas-sħab soċjali, filwaqt li tippermetti l-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 262
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni

Ewropea tidentifika l-aħjar prattiki madwar l-Unjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, u timmonitorja l-implimentazzjoni ta' miżuri diġà eżistenti tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali;

Or. en

Emenda 263
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jenħtieġ li jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 264
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Iqis li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jenħtieġ li jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 265
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Iqis*** li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jenħtieġ li jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;	14. ***Jenfasizza*** li l-implikazzjonijiet finanzjarji tal-proposta mitluba jenħtieġ li jkunu koperti mill-allokazzjonijiet baġitarji eżistenti;

Or. en

Emenda 266
Miriam Lexmann, Raúl de la Hoz Quintano, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni ***kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness*** lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.	15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 267
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni ***kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-anness*** lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.	15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 268
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 269
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover, Miriam Lexmann, Angelika Winzig, Arba Kokalari, Raúl de la Hoz Quintano, Henrik Dahl, Andrea Wechsler, Giusi Princi, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 270
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(2) Definizzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni***, it-tfassil u l-ġestjoni*** tax-xogħol***, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol*** u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ***jenħtieġ li*** tiġi adottata fil-livell Ewropew biex tipprovdi	(2) Definizzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***, minn naħa waħda, u mal-kuntest soċjali fuq il-post tax-xogħol, min-naħa l-oħra, għandha*** tiġi adottata fil-livell Ewropew biex

ċertezza lill-impjegaturi u lill-ħaddiema.	tipprovdi ċertezza lill-impjegaturi u lill-ħaddiema.

Or. en

Emenda 271
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) Ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti bħala riskji okkupazzjonali skont it-tifsira tal-liġi tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.	(3) Ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti ***b'mod espliċitu*** bħala riskji okkupazzjonali skont it-tifsira tal-liġi tal-Unjoni dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

Or. en

Emenda 272
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3a) L-impriżi żgħar u ta' daqs medju huma eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex jiġi evitat li jiġu imposti fuqhom restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u legali li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp tagħhom.

Or. en

Emenda 273
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi***, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni***. ***Jisħaq li t-taħriġ*** dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu ***l-obbligi*** legali tal-impjegaturi biex ***jipprevjenu r-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol ***billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol***.	(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi. ***It-taħriġ*** dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu ***l-obbligu*** legali tal-impjegaturi biex ***jimminimizzaw ir-riskji*** psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 274
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-	(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli ***sikuri*** tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-

impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.	impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.

Or. en

Emenda 275
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.	(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli ***sikuri*** tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.

Or. en

Emenda 276
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali	(4) Il-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali

relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.	relatati max-xogħol jenħtieġ li tkun ibbażata primarjament fuq miżuri kollettivi u organizzattivi, f'konformità mal-ġerarkija tal-prevenzjoni, inkluż l-aġġustament tal-ammont ta' xogħol, il-ħin tax-xogħol, il-kontroll tal-impjieg, il-livelli ***sikuri*** tal-persunal, il-prattiki ta' ġestjoni u s-sistemi ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni. Jisħaq li t-taħriġ dwar ir-reżiljenza individwali, il-konsulenza jew il-programmi ta' benesseri ma jistgħux jissostitwixxu l-obbligi legali tal-impjegaturi biex jipprevjenu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi jadattaw l-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol.
	Or. en

Emenda 277
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – premessa 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(6a) Biex jiġu żgurati monitoraġġ u infurzar effettivi ta' din id-Direttiva fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ġbir tad-data adegwat u f'waqtu dwar ir-riskji psikosoċjali identifikati, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' għodod effettivi tal-ġbir tad-data biex jipprovdu data komparattiva, filwaqt li joqogħdu attenti mill-piż tar-rapportar bla bżonn. Peress li tali ġbir ta' data jista' joħloq sfidi għall-impjegaturi, b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar, għandhom jingħatalhom appoġġ finanzjarju u prattiku f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2023 dwar Pakkett ta' Għajnuna għall-SMEs.

Or. en

Emenda 278
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, għat-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, għat-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***u l-eżiti potenzjali tagħhom li jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza, disturbi mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali***.

Or. en

Emenda 279
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Hija tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi vinkolanti għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi.	Hija tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi vinkolanti għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi***, filwaqt li tiżgura flessibbiltà għall-impjegaturi u tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali***.

Or. en

Emenda 280
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Hija tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi vinkolanti għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema ***u biex*** jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi.	Hija tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi vinkolanti għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema***, inklużi sanzjonijiet ċari f'każ ta' nuqqas ta' konformità, u b'hekk*** jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi.

Or. el

Emenda 281
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati.	Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati, ***inklużi ħaddiema f'impjieg informali, il-ħaddiema b'impjieg indipendenti u dawk tal-pjattaformi***.

Or. el

Emenda 282
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati.	Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema***, kif definiti mid-Direttiva 89/391/KEE bħala kwalunkwe persuna impjegata minn impjegatur, inklużi t-trainees u l-apprendisti,*** fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati.

Or. en

Emenda 283
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-impriżi b'inqas minn 1,000 impjegat huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 284
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema***; tali riskji jistgħu jwasslu,***	(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema***bil-potenzjal li jikkawżaw***

fost l-oħrajn, għal stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza, disturbi mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;	***ħsara psikoloġika jew fiżika***;

Or. en

Emenda 285
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema; tali riskji jistgħu jwasslu, fost l-oħrajn, għal stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza, ***disturbi*** mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;	(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema; tali riskji jistgħu jwasslu, fost l-oħrajn, għal stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju, vjolenza, ***inklużi vjolenza u fastidju ċibernetiċi, kwistjonijiet ta' saħħa*** mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;

Or. en

Emenda 286
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni***, it-tfassil u l-ġestjoni*** tax-xogħol, ***il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol*** u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li ***jistgħu jaffettwaw is-saħħa*** mentali u fiżika***, is-sikurezza u d-dinjità*** tal-ħaddiema; ***tali riskji jistgħu jwasslu***, fost l-oħrajn, ***għal*** stress relatat max-xogħol, burnout***, fastidju, vjolenza***, disturbi mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;	(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***minn naħa waħda, u mal-ambjent soċjali tax-xogħol, min-naħa l-oħra,*** li ***jinvolvu esponiment għal ħsara għas-saħħa*** mentali u fiżika tal-ħaddiema; ***bħala eżempju, din il-ħsara tinkludi***, fost l-oħrajn, stress relatat max-xogħol, burnout, disturbi mentali, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali;

Or. en

Emenda 287
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni***, it-tfassil u l-ġestjoni*** tax-xogħol***, il-kuntest soċjali u relazzjonali*** u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ***tiegħu***, ***inkluż ammont kbir ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' monitoraġġ, miri mhux realistiċi***;	(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***minn naħa waħda, u mar-riskji relatati mal-ambjent soċjali tax-xogħol, jiġifieri l-ambjent psikosoċjali li fih jitwettaq ix-xogħol, min-naħa l-oħra***;

Or. en

Emenda 288
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inkluż ammont kbir ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' monitoraġġ, miri mhux realistiċi;	(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inkluż ammont kbir ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza***, inklużi vjolenza u fastidju ċibernetiċi,*** u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, ***esperjenza ta' stress etiku minħabba livell għoli ta' intensità tax-xogħol,*** li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' monitoraġġ, ***evalwazzjoni kostanti tal-klijenti permezz ta' sistemi ta' klassifikazzjoni f'ħin reali,*** miri mhux realistiċi;

Or. en

Emenda 289
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inkluż ammont ***kbir*** ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta'	(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inkluż ammont ***eċċessiv*** ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ***u imprevedibbli*** ta' xogħol, nuqqas ta'

appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, ***li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta'*** monitoraġġ***, miri mhux realistiċi***;	awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju ***psikoloġiku u sesswali***, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, intensità diġitali għolja, monitoraġġ ***intrużiv u sorveljanza eċċessiva mhux dovuta, nuqqas ta' ċarezza fir-rwoli u komunikazzjoni ineffettiva***;

Or. en

Emenda 290
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3a) "Tbatija morali" tfisser tbatija li tirriżulta meta l-ħaddiema jkunu ristretti milli jaġixxu f'konformità mal-istandards professjonali, etiċi jew kliniċi, inkluż minħabba nuqqas ta' persunal, riżorsi insuffiċjenti, struzzjonijiet konfliġġenti jew arranġamenti organizzattivi mhux sikuri;

Or. en

Emenda 291
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3b) "Presenteeism" tfisser il-preżenza tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol meta juru mard, minħabba biża' li tirriżulta minn konsegwenzi negattivi possibbli li l-assenza tagħhom titqies jew titkejjel bħala li qed ikunu anqas produttivi, li tista' twassal biex jingħataw is-sensja, għat-telf

ta' impjieg, it-telf ta' introjtu u l-benesseri ġenerali sussegwenti tagħhom jiġu mhedda minn pożizzjoni soċjoekonomika;

Or. en

Emenda 292
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;	(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors***, jew fejn mhux possibbli, il-mitigazzjoni tal-effetti negattivi,*** permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 293
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni ***u l-prevenzjoni*** ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;	(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn ***il-prevenzjoni,*** l-eliminazzjoni ***jew it-tnaqqis*** ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 294
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5a) "Prevenzjoni terzjarja" tfisser miżuri mmirati lejn il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tal-eżiti negattivi minn riskji psikosoċjali li diġà seħħew, sabiex, mingħajr dewmien żejjed, jipprevjenu l-progressjoni tagħhom, inaqqsu l-impatt tagħhom, jipprevjenu indeboliment permanenti u jistabbilixxu perkors għar-riabilitazzjoni;

Or. en

Emenda 295
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(5a) "Prevenzjoni terzjarja" tirreferi għal miżuri li jistgħu jappoġġjaw ritorn sostenibbli u maniġġabbli għax-xogħol għal kulhadd.

Or. en

Emenda 296
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom jiżguraw	1. L-impjegaturi għandhom jiżguraw

il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***billi***:	il-prevenzjoni ***jew it-tnaqqis*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***permezz ta' waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin***:

Or. en

Emenda 297
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) ***jevitaw*** ir-riskji;	(a) ***jimmaniġġjaw u jimminimizzaw*** ir-riskji;

Or. en

Emenda 298
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) jiġġieldu r-riskji mis-sors;	(c) ***jistabbilixxu sistemi kontinwi ta' ġestjoni tar-riskju biex*** jiġġieldu r-riskji mis-sors;

Or. en

Emenda 299
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(c) ***jiġġieldu r-riskji*** mis-sors;	(c) ***jeliminaw ir-riskji*** mis-sors;

Or. en

Emenda 300
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) jadattaw ix-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol u jitnaqqas l-effett ta' dan kollu fuq is-saħħa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 301
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) jadattaw ix-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol u jitnaqqas l-effett ta' dan kollu fuq is-saħħa;	(d) jadattaw ix-xogħol għall-individwu, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol**,** ***jiġi evitat it-telexogħol impost*** u jitnaqqas l-effett ta' dan kollu fuq is-saħħa;

Or. en

Emenda 302
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) ***jadattaw ix-xogħol għall-individwu***, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu ***u x-xogħol b'rata predeterminata ta' xogħol*** u jitnaqqas l-effett ta' dan kollu fuq is-saħħa;	(d) ***jiżguraw l-adattament bejn ix-xogħol u l-ħaddiema***, speċjalment fir-rigward tat-tfassil tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tal-apparat tax-xogħol u l-għażla tal-metodi ta' xogħol u produzzjoni, bil-ħsieb li, b'mod partikolari, jitnaqqas ix-xogħol monotonu ***meta ma jkunx meħtieġ*** u jitnaqqas l-effett ***negattiv*** ta' dan kollu fuq is-saħħa;

Or. en

Emenda 303
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) jissostitwixxu dak li hu perikoluż b'dak li mhuwiex perikoluż jew li huwa anqas perikoluż;	(f) jissostitwixxu***, meta u fejn ikun possibbli,*** dak li hu perikoluż b'dak li mhuwiex perikoluż jew li huwa anqas perikoluż;

Or. en

Emenda 304
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;	(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***il-livelli sikuri tal-persunal,*** ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

Or. en

Emenda 305
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;	(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***il-livelli sikuri tal-persunal,*** ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

Or. en

Emenda 306
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi relatati	(g) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***il-livelli sikuri tal-persunal,*** ir-relazzjonijiet soċjali u l-

mal-ambjent tax-xogħol;	influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

Or. en

Emenda 307
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(i) jagħtu istruzzjonijiet ***xierqa*** lill-ħaddiema.	(i) jagħtu istruzzjonijiet ***ċari u mhux kontradittorji*** lill-ħaddiema.

Or. en

Emenda 308
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt i

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(i) jagħtu istruzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema.	(i) jagħtu istruzzjonijiet xierqa ***u ċari*** lill-ħaddiema.

Or. el

Emenda 309
Liesbet Sommen, Wouter Beke, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ia) valutazzjonijiet ta' segwitu regolari tar-riskji psikosoċjali, sabiex tiġi mmonitorjata l-evoluzzjoni tagħhom u tiġi evalwata l-effettività tal-miżuri preventivi

u korrettivi.

Or. en

Emenda 310
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ia (new)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ia) jiżguraw livelli adegwati ta' persunal biex jiġu evitati ammont eċċessiv ta' xogħol u intensifikazzjoni tax-xogħol.

Or. el

Emenda 311
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li r-riżorsi organizzattivi li jappoġġjaw il-prevenzjoni primarja, inkluż l-appoġġ maniġerjali, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-aċċess għat-taħriġ, isiru disponibbli b'mod effettiv għall-ħaddiema kollha.	***Filwaqt li jqisu n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-intrapriża kkonċernata,*** l-impjegaturi għandhom jiżguraw li r-riżorsi organizzattivi li jappoġġjaw il-prevenzjoni primarja, inkluż l-appoġġ maniġerjali, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-aċċess għat-taħriġ, isiru disponibbli b'mod effettiv għall-ħaddiema kollha.

Or. en

Emenda 312
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-miżuri ta' prevenzjoni.	Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-miżuri ta' prevenzjoni***, filwaqt li jiżguraw it-titjib tar-reżistenza individwali, it-taħriġ jew il-konsulenza ma għandhomx jitqiesu bħala suffiċjenti fejn il-fatturi ta' riskju organizzattivi jibqgħu mhux indirizzati***.

Or. en

Emenda 313
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***u l-fatturi*** ta' riskju ***relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol,*** u l-miżuri ta' prevenzjoni.	Huma għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol***, il-fatturi*** ta' riskju u l-miżuri ta' prevenzjoni.

Or. en

Emenda 314
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.	3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema, ***inklużi inċidenti li joriġinaw minn partijiet terzi, bħall-klijenti, l-utenti tas-servizzi jew atturi esterni oħra***; ***huma għandhom jiżguraw li tiġi implimentata politika ta' tolleranza żero kontra tali mġiba u li l-ebda relazzjoni kummerċjali jew servizz tal-klijenti ma jistgħu jaqbżu l-protezzjoni tad-dinjità u s-saħħa mentali tal-ħaddiema.***

Or. el

Emenda 315
Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u ***l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema***.	3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u ***l-bullying***.

Or. en

Emenda 316
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.	3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa ***fiżika u/jew mentali*** jew il-benesseri tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 317
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 318
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw ***kodiċi ta' kondotta*** li ***jiddefinixxi*** u ***jipprojbixxi*** l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.	3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw ***politiki*** li ***jiddefinixxu*** u ***jipprojbixxu*** l-vjolenza, il-fastidju u l-imġiba diskriminatorja li jimminaw id-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 319
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw ukoll miżuri ta' prevenzjoni sekondarji xierqa, inklużi mekkaniżmi ta' detezzjoni bikrija, aċċess għal servizzi tas-saħħa okkupazzjonali, u appoġġ f'waqtu għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali.	4. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw ukoll miżuri ta' prevenzjoni sekondarji xierqa, inklużi mekkaniżmi ta' detezzjoni bikrija ***u protokolli ta' prevenzjoni bbażati fuq ir-riskju għal vjolenza minn parti terza***, aċċess għal servizzi tas-saħħa okkupazzjonali, u appoġġ f'waqtu għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali.

Or. en

Emenda 320
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. L-impjegaturi għandhom jiżguraw in-nomina ta' persunal dežinjat, b'taħriġ u/jew għarfien espert suffiċjenti, appoġġjat minn riżorsi xierqa, biex jissorvelja l-ġestjoni ta' miżuri relatati mal-mitigazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 321
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. L-informazzjoni dwar il-miżuri implimentati se tkun disponibbli għall-ħaddiema skont id-Direttiva 89/391/KEE.

Or. en

Emenda 322
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Valutazzjoni obbligatorja tar-riskju psikosoċjali	Valutazzjoni obbligatorja tar-riskju psikosoċjali ***u miżuri preventivi u ta' rimedju***

Or. en

Emenda 323
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Valutazzjoni ***obbligatorja*** tar-riskju psikosoċjali	Valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali

Or. en

Emenda 324
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***mill-anqas darba fis-sena*** u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.	1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem,*** u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv***, inkluża fluttwazzjoni notevoli fil-livelli tal-persunal, każijiet għoljin ta' liv minħabba mard fuq il-post tax-xogħol, u prevalenza ta' assenzi fit-tul u/jew ripetuti***.

Or. en

Emenda 325
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali mill-anqas darba fis-sena u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.	1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali mill-anqas darba fis-sena u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv. ***Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandu jkollhom il-possibbiltà li jiskattaw valutazzjoni bbażata fuq l-evalwazzjoni motivata tagħhom.***

Or. en

Emenda 326
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***mill-anqas darba fis-sena*** u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.	1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***regolarment, fejn xieraq*** u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.

Or. en

Emenda 327
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi ***għandhom*** iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***mill-anqas darba fis-sena u*** kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.	1. L-impjegaturi ***jistgħu, meta jkun rilevanti u meħtieġ,*** iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.

Or. en

Emenda 328
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***mill-anqas darba fis-sena*** u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.	1. L-impjegaturi għandhom iwettqu valutazzjoni ***regolari*** tar-riskju psikosoċjali u kull meta jseħħu bidliet sinifikanti fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fir-ristrutturar organizzattiv.

Or. en

Emenda 329
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, ***speċjalment f'impjiegi li jinvolvu kuntatt dirett mal-klijenti,*** l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ***jew semiawtomatizzati*** ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ ***li jintużaw jew li jappoġġjaw is-superviżjoni u l-evalwazzjoni tal-ħaddiema u d-deċiżjonijiet relatati max-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom jew fi kwalunkwe mod ta' tfassil ta' profili jew inferenzi magħmula dwarhom ibbażati fuq l-ipproċessar tad-data fuq il-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 330
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, ***l-***	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, ***il-***

intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija***, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva***, l-insigurtà tal-impjiegi, ***l-interferenza*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol***, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;

pass tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, l-insigurtà tal-impjiegi, ***il-bilanċ*** bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ***ta'*** monitoraġġ ***awtomatizzat***;

Or. en

Emenda 331
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva ***kemm minn sorsi interni fl-organizzazzjoni kif ukoll minn partijiet esterni***, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;

Or. en

Emenda 332
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, ***speċjalment f'impjiegi li jinvolvu kuntatt dirett mal-klijenti,*** l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;

Or. en

Emenda 333
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, ***is-sigħat twal ta' xogħol,*** in-nuqqas ta' ***premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati***, l-eżiġenzi emozzjonali, ***l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi,***	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali għandha tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali inkluż l-ammont ***eċċessiv*** ta' xogħol, l-intensità ***għolja*** tax-xogħol***, is-sigħat twal u imprevedibbli ta' xogħol, il-presenteeism***, in-nuqqas ta' awtonomija, in-nuqqas ta' ***appoġġ mis-superviżuri, il-fastidju psikoloġiku u sesswali***, ***il-vjolenza u l-imġiba diskriminatorja,*** l-eżiġenzi emozzjonali ***għoljin***, ***l-intensità*** diġitali

l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali ***barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew*** monitoraġġ;	***għolja,*** monitoraġġ ***intruživ u sorveljanza eċċessiva mhux dovuta, in-nuqqas ta' ċarezza fir-rwoli u komunikazzjoni ineffettiva***;

Or. en

Emenda 334
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***għandha*** tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali ***inkluż l-ammont*** ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;	Il-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali ***tista'*** tevalwa l-fatturi ta' riskju psikosoċjali ***bħall-ammont*** ta' xogħol, l-intensità tax-xogħol, in-nuqqas ta' awtonomija, is-sigħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' premji u rikonoxximent xierqa li jirriżultaw minn sistemi ta' prestazzjoni u evalwazzjoni inadegwati, l-eżiġenzi emozzjonali, l-esponiment għal imġiba soċjali negattiva, l-insigurtà tal-impjiegi, l-interferenza bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-konnettività diġitali barra mill-ħin tax-xogħol, jew li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew monitoraġġ;

Or. en

Emenda 335
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodi vvalidati xjentifikament.	Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodi vvalidati xjentifikament. ***Il-metodi miftiehma min-negozjar kollettiv***

għandhom jitqiesu li huma vvalidati xjentifikament.

Or. en

Emenda 336
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodi vvalidati xjentifikament.	Tali valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq metodi vvalidati xjentifikament ***komparabbli***.

Or. en

Emenda 337
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tat-trade unions ***u li s-servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15 jieħdu sehem tul il-proċess kollu***.	3. Meta jwettqu l-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tar-rappreżentanti tal-ħaddiema u tat-trade unions.

Or. en

Emenda 338
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol b'mod aċċessibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 339
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol b'mod aċċessibbli.	4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol b'mod aċċessibbli. ***Dawn ir-riżultati għandhom iwasslu għal adattamenti tal-organizzazzjoni tax-xogħol fil-livelli kollha. Dawn l-adattamenti għandhom jiġu evalwati maż-żmien.***

Or. en

Emenda 340
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati ***lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol*** b'mod aċċessibbli.	4. Ir-riżultati tal-valutazzjoni għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati b'mod ***adegwat u*** aċċessibbli.

Or. en

Emenda 341
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. B'mod partikolari bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw miżuri konkreti biex jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji psikosoċjali identifikati relatati max-xogħol u jiżguraw l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 342
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Il-miżuri preventivi u ta' rimedju tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom jinkludu, fejn rilevanti:
	(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema, il-livelli mhux sikuri tal-persunal u l-intensità tax-xogħol;
	(b) miżuri speċifiċi għas-settur għall-kura tas-saħħa u soċjali, inklużi l-prevenzjoni ta' tbatija morali, il-ġestjoni tal-eżiġenzi emozzjonali, il-presenteeism, l-arranġamenti ta' mistrieħ u rkupru wara inċidenti kritiċi, is-superviżjoni u l-ġbir ta' informazzjoni, u l-protokolli għall-vjolenza minn pazjenti, qraba, riċevituri tal-kura jew utenti tas-servizzi;

(c) miżuri biex jiġu vvalutati l-użu u l-impatt tas-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;

(d) implimentazzjoni effettiva tad-dritt għall-iskonnessjoni u l-presenteeism;

(e) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza;

(f) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi pprevenut l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

(g) miżuri maħsuba għall-prevenzjoni ta' disponibbiltà estiża u kulturi ta' xogħol fejn wieħed ikun "dejjem konness", inklużi salvagwardji tekniċi u organizzattivi;

(h) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti;

(i) miżuri għal intervent u appoġġ bikri, inkluż l-aċċess għal konsulenza, segwitu tas-saħħa okkupazzjonali u mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-ritorn sostenibbli għax-xogħol;

(j) sistemi ta' ġestjoni tar-riskju kontinwi bbażati fuq ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju biex jiġi żgurat approċċ ċikliku għall-prevenzjoni permezz ta':

(i) prijoritizzazzjoni tar-riskji identifikati;

(ii) definizzjoni ta' objettivi u skedi ta' żmien li jistgħu jitkejlu;

(iii) allokazzjoni ta' riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni;

(iv) rieżami regolari tal-progress;

(v) adattament ta' miżuri bbażati fuq eżiti ta' evalwazzjoni u bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol.

Or. en

Emenda 343
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Il-miżuri tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tiġi rieżaminata u aġġornata regolarment bħala parti minn proċess ta' titjib kontinwu.

Or. en

Emenda 344
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 5 – paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Ir-riżultati tal-valutazzjoni u l-miżuri preventivi u ta' rimedju tagħha għandhom jiġu ddokumentati u kkomunikati lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol b'mod aċċessibbli.

Or. en

Emenda 345
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 6	***imħassar***
Pjan ta' azzjoni annwali	
1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw pjan ta' azzjoni annwali li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.	
2. Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi, fejn rilevanti:	
(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema, l-intensità tax-xogħol u x-xogħol monotonu;	
(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;	
(c) implimentazzjoni effettiva tad-dritt ta' skonnessjoni;	
(d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza;	
(e) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	
(f) miżuri maħsuba għall-prevenzjoni ta' disponibbiltà estiża u kulturi ta' xogħol fejn wieħed ikun "dejjem konness", inklużi salvagwardji tekniċi u organizzattivi;	
(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema	

identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti;

(h) miżuri għal intervent u appoġġ bikri, inkluż l-aċċess għal konsulenza, segwitu tas-saħħa okkupazzjonali u mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-ritorn sostenibbli għax-xogħol.

3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan.

4. L-impjegaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 346
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Pjan ta' azzjoni annwali	***Miżuri ta' implimentazzjoni biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali***

Or. en

Emenda 347
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw pjan ta' azzjoni ***annwali*** li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.	1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw***, fejn jiġu identifikati riskji sinifikanti,*** pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.

Or. en

Emenda 348
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw pjan ta' azzjoni annwali li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.	1. Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom jadottaw pjan ta' azzjoni annwali li jistabbilixxi miżuri konkreti għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni***,*** jew ***fejn dan ma jkunx possibbli,*** it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni annwali.

Or. en

Emenda 349
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Abbaži tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom ***jadottaw pjan ta' azzjoni annwali li jistabbilixxi*** miżuri ***konkreti*** għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni ***tal-pjan ta' azzjoni annwali***.	1. Abbaži tal-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali, l-impjegaturi għandhom ***jieħdu*** miżuri għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw, jimmonitorjaw u jevalwaw l-applikazzjoni ***ta' dawn il-miżuri***.

Or. en

Emenda 350
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Il-pjan*** ta' azzjoni ***għandu jinkludi***, fejn rilevanti:	2. ***Il-miżuri li ma jiġux implimentati immedjatament għandhom jikkostitwixxu pjan*** ta' azzjoni***. Il-miżuri jistgħu jinkludu***, fejn rilevanti:

Or. en

Emenda 351
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema***,*** l-intensità tax-xogħol u ***x-xogħol*** monotonu;	(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema ***u*** l-intensità tax-xogħol***, inkluż permezz ta' livelli adegwati ta' persunal, kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba,*** u ***t-tnaqqis ta' xogħol*** monotonu;

Or. en

Emenda 352
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema, l-intensità tax-xogħol u x-xogħol monotonu;	(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, ***il-preparazzjoni kostanti,*** in-nuqqas ta' ħaddiema, l-intensità tax-xogħol u x-xogħol monotonu;

Or. el

Emenda 353
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, ***in-nuqqas ta' ħaddiema, l-intensità tax-xogħol u x-xogħol monotonu***;	(a) miżuri biex jitnaqqsu l-ammont eċċessiv ta' xogħol, ***il-pass tax-xogħol mhux raġonevoli u n-nuqqas ta' awtonomija***;

Or. en

Emenda 354
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(aa) miżuri mmirati lejn il-promozzjoni ta' bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja

privata.

Or. en

Emenda 355
Liesbet Sommen, Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;	(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli; ***għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-setturi kkaratterizzati minn xejriet irregolari, estiżi jew operazzjonali tal-ħin tax-xogħol, filwaqt li jiġu żgurati perjodi adegwati ta' rkupru u miżuri ta' kumpens.***

Or. en

Emenda 356
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;	(b) ***miżuri biex jiġu indirizzati l-ammont eċċessiv ta' xogħol u l-intensità tax-xogħol, inkluż, fejn xieraq,*** limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli***, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali***;

Or. en

Emenda 357
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli;	(b) limitazzjonijiet fuq is-sahra u s-sigħat tax-xogħol imprevedibbli***, b'attenzjoni partikolari għas-setturi kkaratterizzati minn xejriet irregolari u estiżi tal-ħin tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 358
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza;	(d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza***, il-fastidju u l-vjolenza ċibernetiċi, inkluża tali mġiba minn partijiet terzi***;

Or. en

Emenda 359
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza;	(d) miżuri għall-prevenzjoni ta' mġiba soċjali abbużiva bħall-fastidju, il-bullying u l-vjolenza***, il-fastidju u l-vjolenza ċibernetiċi, inkluża tali mġiba minn partijiet terzi***;

Or. en

Emenda 360
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) regoli li jirregolaw ***il-monitoraġġ*** diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali ***biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol***;	(e) ir-regoli li jirregolaw ***ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol relatati mal-monitoraġġ*** diġitali, is-sorveljanza***, it-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzat u semiawtomatizzat, l-ipproċessar tad-data tal-ħaddiema għat-tfassil ta' profili jew għal skopijiet oħra*** u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali***, inkluż permezz tan-negozjar kollettiv, l-iżgurar tat-trasparenza tas-sistemi, il-loġika u l-outputs tal-funzjonament tagħhom u l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-ħaddiema u/jew tar-rappreżentanti tagħhom matul l-introduzzjoni u l-bidliet tagħhom***;

Or. en

Emenda 361
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	(e) ***miżuri li jiżguraw l-involviment effettiv tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fl-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji diġitali ġodda kif ukoll*** regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati

max-xogħol;

Or. en

Emenda 362
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali***, is-sorveljanza*** u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali ***biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol***;	(e) regoli li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali;

Or. en

Emenda 363
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt e

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(e) ***regoli*** li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;	(e) ***miżuri*** li jirregolaw il-monitoraġġ diġitali, is-sorveljanza u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali biex jiġi evitat l-esponiment tal-ħaddiema għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol;

Or. en

Emenda 364
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt f

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(f) miżuri maħsuba ***għall-prevenzjoni*** ta' disponibbiltà estiża u kulturi ta' xogħol fejn wieħed ikun "dejjem konness", inklużi salvagwardji tekniċi u organizzattivi;	(f) miżuri maħsuba ***għat-tnaqqis*** ta' disponibbiltà estiża u kulturi ta' xogħol fejn wieħed ikun "dejjem konness", inklużi salvagwardji tekniċi u organizzattivi;

Or. en

Emenda 365
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti;	(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti***, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-intensità għolja tax-xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema u l-esponiment għal vjolenza minn parti terza, inkluża l-vjolenza ċibernetika***;

Or. en

Emenda 366
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw	(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw

il-klijenti;	il-klijenti***, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-intensità għolja tax-xogħol, in-nuqqas ta' ħaddiema u l-esponiment għal vjolenza minn parti terza***;

Or. en

Emenda 367
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt g

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla***, inklużi servizzi fis-settur tas-saħħa, fl-amministrazzjoni pubblika u li jiffaċċjaw il-klijenti;***	(g) miżuri mmirati għas-setturi, l-okkupazzjonijiet u l-gruppi ta' ħaddiema identifikati bħala f'riskju ogħla***.***

Or. en

Emenda 368
Geadis Geadi, Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ha) miżuri għall-prevenzjoni ta' diskriminazzjoni jew trattament negattiv marbut mal-liv tat-tqala, tal-maternità jew tal-paternità, inklużi salvagwardji għal progressjoni tal-karriera u remunerazzjoni ugwali.

Or. en

Emenda 369
Liesbet Sommen, Wouter Beke, Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ha) L-istabbiliment ta' sistemi ta' appoġġ bejn il-pari u mekkaniżmi bbażati fuq il-fiduċja, b'mod partikolari f'setturi bi strutturi organizzattivi ġerarkiċi;

Or. en

Emenda 370
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(ha) limiti massimi vinkolanti fuq l-ammont ta' xogħol u l-intensità tax-xogħol (eż. l-iffissar tal-għanijiet);

Or. el

Emenda 371
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt hb (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(hb) taħriġ tal-maniġers.

Or. el

Emenda 372
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan.	3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan***, inkluż permezz tan-negozjar kollettiv***.

Or. en

Emenda 373
Arba Kokalari, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan.	3. Il-pjan ta' azzjoni għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti kif xieraq u b'mod sistematiku fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ***tal-miżuri u*** ta' dan il-pjan.

Or. en

Emenda 374
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Il-pjan ta' azzjoni għandu ***jkun soġġett għall-approvazzjoni mis-servizzi*** ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti ***kif xieraq u b'mod sistematiku*** fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan.	3. Il-pjan ta' azzjoni għandu ***jintbagħat lis-servizzi*** ta' protezzjoni u prevenzjoni rilevanti għar-riskji psikosoċjali ddeżinjati skont l-Artikolu 15 ***għall-informazzjoni***. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u t-trade unions għandhom ikunu involuti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' dan il-pjan.

Or. en

Emenda 375
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 6 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. L-impjegaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***identifikati permezz tal-valutazzjoni tar-riskju***.	4. L-impjegaturi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjenu, jeliminaw jew inaqqsu r-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***inklużi fil-pjan ta' azzjoni tagħhom***.

Or. en

Emenda 376
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.	***imħassar***

Or. en

Emenda 377
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.	Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol***, inklużi possibbiltajiet ta' telexogħol,*** jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel ***mill-impjegaturi u f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema***.

Or. en

Emenda 378
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.	Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel ***u għandhom jinvolvu b'mod effettiv lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom***.

Or. en

Emenda 379
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi,

Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.	Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel***, fejn ikun mistenni impatt sinifikanti fuq il-haddiema***.

Or. en

Emenda 380
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.	Kwalunkwe ristrutturar, riorganizzazzjoni tax-xogħol***, nuqqas ta' ħaddiema*** jew introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza jew ta' ġestjoni diġitali għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.

Or. en

Emenda 381
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-impjegaturi għandhom jintegraw ir-riżultati fis-sistemi tas-sikurezza u s-saħħa tagħhom, fir-rigward tar-riskji

	possibbli ta' aċċidenti relatati max-xogħol, riskji psikosoċjali u ergonomiċi kif ukoll pressjoni żejda fuq il-ħaddiema. L-użu ta' teknoloġiji ta' ġestjoni diġitali għandu jirrispetta l-benesseri tal-ħaddiema u jiżgura s-saħħa u s-sikurezza fiżika u mentali tagħhom.

Or. en

Emenda 382
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-introduzzjoni ta' sistemi diġitali ma timponix piż jew monitoraġġ eċċessiv tal-ħaddiema, filwaqt li jiżguraw sorveljanza umana kontinwa, sinifikattiva u effettiva f'kull ħin fuq id-deċiżjonijiet kollha meħuda jew appoġġjati mit-teknoloġiji ta' ġestjoni diġitali.

Or. en

Emenda 383
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.	Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom. ***Inkella, il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għal***

	rimedji legali biex jipproteġu lilhom infushom u/jew jiġu kkumpensati għall-ksur.

Or. el

Emenda 384
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.	Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali ***u l-benesseri*** tagħhom.

Or. en

Emenda 385
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 8 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol ***u għal prattiki degradanti jew umiljanti*** li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.	Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol ***jew fatturi ta' riskju*** li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali ***u l-benesseri*** tagħhom.

Or. en

Emenda 386
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 9 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol minħabba ħsara f'saħħithom ***marbuta ma'*** riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju jew vjolenza, għandu jkollhom id-dritt għal ritorn b'miżuri ta' appoġġ u sostenibbli għax-xogħol.	Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol minħabba ħsara f'saħħithom ***li jirriżultaw minn*** riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju jew vjolenza, għandu jkollhom id-dritt għal ritorn b'miżuri ta' appoġġ u sostenibbli għax-xogħol ***f'konformità mal-kuntest tax-xogħol fil-ħin ta' dan ir-ritorn***.

Or. en

Emenda 387
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 9 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol minħabba ħsara f'saħħithom marbuta ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju jew vjolenza, għandu jkollhom id-dritt għal ritorn b'miżuri ta' appoġġ u sostenibbli għax-xogħol.	Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol ***għal perjodu ta' żmien twil jew ripetut*** minħabba ħsara f'saħħithom marbuta ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż stress relatat max-xogħol, burnout, fastidju jew vjolenza, għandu jkollhom id-dritt għal ritorn b'miżuri ta' appoġġ u sostenibbli għax-xogħol.

Or. en

Emenda 388
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 9 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Dan id-dritt għandu jifforma parti mill-obbligi tal-impjegatur fil-qafas tal-prevenzjoni sekondarja ***u terzjarja*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Dan id-dritt għandu jifforma parti mill-obbligi tal-impjegatur fil-qafas tal-prevenzjoni sekondarja tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 389
Liesbet Sommen, Wouter Beke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kontinwità tal-kura u l-aċċess għall-appoġġ għas-saħħa mentali għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali severi, inkluż wara t-terminazzjoni tal-impjieg, b'mod partikolari f'setturi fejn l-esponiment jista' jkollu konsegwenzi fit-tul.

Or. en

Emenda 390
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Qabel ma*** ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza marbut ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.	1. ***Immedjatament malli*** ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ***sostnut*** ta' assenza marbut ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.

Or. en

Emenda 391
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Qabel ma ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza marbut ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.	1. ***Meta jkun xieraq,*** qabel ma ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza marbut ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.

Or. en

Emenda 392
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Qabel ma ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza ***marbut ma'*** riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.	1. Qabel ma ħaddiem jerġa' jibda jwettaq id-dmirijiet tiegħu wara perjodu ta' assenza ***li jirriżulta minn*** riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-impjegatur għandu jistabbilixxi pjan individwali ta' ritorn għax-xogħol.

Or. en

Emenda 393
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-pjan għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mal-ħaddiem ikkonċernat, is-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, fejn xieraq.	Il-pjan għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mal-ħaddiem ikkonċernat, is-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali***, il-membru tal-persunal li jwettaq funzjonijiet superviżorji rilevanti*** u r-rappreżentanti tal-ħaddiema, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 394
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-pjan għandu jispeċifika, fejn rilevanti:	Il-pjan għandu jispeċifika, fejn rilevanti***, wieħed jew aktar mill-punti li ġejjin***:

Or. en

Emenda 395
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-pjan ***għandu*** jispeċifika, fejn rilevanti:	Il-pjan ***jista'*** jispeċifika, fejn rilevanti:

Or. en

Emenda 396
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 11 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-impjegaturi għandhom jiżguraw segwitu regolari matul il-perjodu ta' ritorn għax-xogħol, inkluża l-possibbiltà li jiġi rieżaminat u adattat il-pjan ta' ritorn għax-xogħol.	L-impjegaturi għandhom jiżguraw segwitu regolari matul il-perjodu ta' ritorn għax-xogħol, inkluża l-possibbiltà li jiġi rieżaminat u adattat il-pjan ta' ritorn għax-xogħol***, kif ukoll segwitu fit-tul biex jiġi żgurat li l-proċess tal-perjodu ta' ritorn għax-xogħol ikun ta' suċċess***.

Or. en

Emenda 397
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 11 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Fejn meħtieġ, l-impjegaturi għandhom jieħdu miżuri organizzattivi biex jindirizzaw il-fatturi ta' riskju psikosoċjali li kkontribwew għall-assenza tal-ħaddiem.	Fejn meħtieġ, l-impjegaturi għandhom jieħdu miżuri organizzattivi biex jindirizzaw il-fatturi ta' riskju psikosoċjali li kkontribwew għall-assenza tal-ħaddiem***, inkluża l-possibbiltà ta' tfassil mill-ġdid tal-impjieg***.

Or. en

Emenda 398
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 11 – paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema li jirritornaw wara assenza marbuta ma' riskji relatati max-xogħol ma għandhomx isofru diskriminazzjoni ***jew trattament negattiv*** bħala riżultat tal-assenza tagħhom.	Il-ħaddiema li jirritornaw wara assenza marbuta ma' riskji relatati max-xogħol ma għandhomx isofru diskriminazzjoni bħala riżultat tal-assenza tagħhom.

Or. en

Emenda 399
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 11 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Is-sejbiet mill-proċessi ta' ritorn għax-xogħol għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali u fil-miżuri ta' prevenzjoni tal-impjegatur, bil-ħsieb li tiġi evitata r-rikorrenza u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.	Is-sejbiet mill-proċessi ta' ritorn għax-xogħol għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali u fil-miżuri ta' prevenzjoni tal-impjegatur, bil-ħsieb li tiġi evitata r-rikorrenza u***, fejn xieraq,*** jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 400
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 12 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż b'mod anonimu.	Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż ***iżda mhux limitat għal,*** b'mod anonimu. ***Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom ikunu involuti fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-kanali ta' rapportar effettivi stabbiliti għal dan l-għan.***

Or. en

Emenda 401
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 12 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż b'mod anonimu.	Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jirrapportaw***, permezz ta' kanali stabbiliti,*** riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***li jkunu identifikaw jew ġew affettwati minnhom***, inkluż b'mod anonimu.

Or. en

Emenda 402
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ir-rapportar għandu jintbagħat lill-impjegatur fl-ewwel istanza. Jekk il-ħaddiem ikun jixtieq jirrapporta b'mod anonimu, it-trasferiment tal-ewwel istanza lill-impjegatur jiġi dirett lejn il-persuni elenkati fl-Artikolu 15(6).

Or. en

Emenda 403
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Skont id-Direttiva 89/391/KEE, il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom iżommu d-dritt li jagħmlu proposti relatati mas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, inklużi miżuri biex jiġu indirizzati riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 404
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Angelika Winzig, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Id-dritt ta' skonnessjoni	
Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom.	
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.	

Or. en

Emenda 405
Henrik Dahl, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Id-dritt ta' skonnessjoni	
Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom.	
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta'	

dan id-dritt.

Or. en

Emenda 406
Margarita de la Pisa Carrión, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Id-dritt ta' skonnessjoni	
Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom.	
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.	

Or. en

Emenda 407
Arba Kokalari, Henrik Dahl, Angelika Winzig, Andrea Wechsler, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Id-dritt ta' skonnessjoni	***Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***

Or. en

Emenda 408
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom.	Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu obbligati jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew f'kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom***, mingħajr ma jsofru diskriminazzjoni jew konsegwenzi avversi***.

Or. el

Emenda 409
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 13 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt.	L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt ***u jiżguraw li ma jsir l-ebda ġbir, monitoraġġ jew sorveljanza tad-data barra mill-ħinijiet tax-xogħol***.

Or. en

Emenda 410
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***u tal-introduzzjoni jew il-***

bidliet relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi iżda mhux limitati għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-prattiki ta' ġestjoni algoritmika.

Or. en

Emenda 411
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom***, f'konformità mal-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali li jistgħu jqisu, fost l-oħrajn, id-daqs tal-impriża u/jew tal-istabbiliment,*** jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 412
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti fl-istadji kollha tal-valutazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol ***kif stabbilit fl-Artikoli 5 u 6***.

Or. en

Emenda 413
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti ***fl-istadji kollha tal-valutazzjoni***, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ ***u*** l-eliminazzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.	Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu infurmati, ikkonsultati u involuti ***fil-valutazzjoni***, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ***,*** l-eliminazzjoni ***u/jew it-tnaqqis*** tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 414
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod ċar u regolari dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni tagħhom u għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tagħhom.	L-impjegaturi għandhom jiżguraw li ***l-ħaddiema jingħataw informazzjoni, bil-miktub u f'format aċċessibbli, biex jiżguraw li*** l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod ċar u regolari dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-miżuri fis-seħħ għall-prevenzjoni tagħhom u għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tagħhom.

Or. en

Emenda 415
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 14 – paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod ċar u regolari dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-miżuri fis-seħħ ***għall-prevenzjoni*** tagħhom u għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tagħhom.	L-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema jkunu infurmati b'mod ċar u regolari dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-miżuri fis-seħħ ***għall-ġestjoni*** tagħhom u għall-mitigazzjoni tal-impatt negattiv tagħhom.

Or. en

Emenda 416
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 15	***imħassar***
Servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni għal riskji psikosoċjali	
1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar biex iwettqu attivitajiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment.	
2. Il-ħaddiema ddeżinjati ma għandhom jitqiegħdu fl-ebda żvantaġġ minħabba l-attivitajiet tagħhom relatati mal-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali. Huma għandhom jingħataw żmien adegwat u riżorsi xierqa biex iwettqu dmirijiethom.	
3. Meta l-kompetenzi għat-twettiq tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma jkunux disponibbli fl-impriża u/jew fl-istabbiliment, l-impjegatur għandu jirrikorri għal servizzi esterni kompetenti jew persuni b'għarfien espert fir-riskji psikosoċjali.	
4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew	

il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha magħrufa li jaffettwaw, jew li huma suspettati li jaffettwaw, is-saħħa mentali u l-benesseri tal-ħaddiema, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u r-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol.

5. Fil-każijiet kollha:

- il-ħaddiema ddeżinjati għandu jkollhom il-kapaċitajiet, it-taħriġ u l-mezzi meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali;

- is-servizzi esterni jew il-persuni kkonsultati għandu jkollhom il-kapaċitajiet u r-riżorsi professjonali meħtieġa; u

- l-għadd ta' ħaddiema ddeżinjati u servizzi esterni jew persuni kkonsultati għandu jkun biżżejjed, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-impriża u/jew tal-istabbiliment, in-natura tal-attivitajiet, u l-livell u d-distribuzzjoni tal-esponiment għar-riskji psikosoċjali.

6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem wieħed jew aktar, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni. Dawn l-atturi għandhom jikkooperaw fejn meħtieġ biex jiżguraw approċċ koerenti u effettiv.

7. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu, fid-dawl tan-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriżi, il-kategoriji tal-impriżi li fihom l-impjegatur, dment li jkun kompetenti, ikun jista' jassumi responsabbilità hu stess għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

8. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw:

- il-kapaċitajiet u l-kwalifiki meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali;

- l-għadd suffiċjenti ta' persuni jew servizzi meħtieġa biex jitwettqu dawn il-

kompiti.

Or. en

Emenda 417
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar biex iwettqu attivitajiet relatati ***mal-prevenzjoni*** u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment.	1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar biex iwettqu attivitajiet relatati ***mal-monitoraġġ, il-valutazzjoni tar-riskju u d-detezzjoni bikrija, il-prevenzjoni*** u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment. ***Il-ħaddiema ddeżinjati jistgħu jkunu l-istess bħal dawk iddeżinjati biex iwettqu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji okkupazzjonali oħra għall-impjegatur.***

Or. en

Emenda 418
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar biex iwettqu attivitajiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment.	1. L-impjegaturi għandhom jiddeżinjaw ħaddiem wieħed jew aktar***, bħal rappreżentant tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali,*** biex iwettqu attivitajiet relatati mal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriża u/jew fl-istabbiliment.

Or. en

Emenda 419
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha ***magħrufa li jaffettwaw, jew li huma suspettati*** li jaffettwaw***,*** is-saħħa ***mentali*** u ***l-benesseri*** tal-ħaddiema***, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u r-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol***.	4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha li jaffettwaw is-saħħa u ***s-sikurezza*** tal-ħaddiema.

Or. en

Emenda 420
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha magħrufa li jaffettwaw, jew li huma suspettati li jaffettwaw, is-saħħa mentali u l-benesseri tal-ħaddiema, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u r-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol.	4. F'każijiet bħal dawn, l-impjegatur għandu jinforma lil dawk is-servizzi jew il-persuni bil-fatturi rilevanti kollha magħrufa li jaffettwaw, jew li huma suspettati li jaffettwaw, is-saħħa mentali u l-benesseri tal-ħaddiema, inklużi l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ***il-livelli mhux sikuri tal-persunal*** u r-relazzjonijiet interpersonali fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 421
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 5 – inċiż 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– l-impjegaturi għandhom jiżguraw li l-maniġers ikollhom l-għarfien, il-kapaċitajiet, it-taħriġ u l-mezzi meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali;

Or. en

Emenda 422
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem wieħed jew aktar, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni. ***Dawn l-atturi għandhom jikkooperaw fejn meħtieġ biex jiżguraw approċċ koerenti u effettiv.***	6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem wieħed jew aktar, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni.

Or. en

Emenda 423
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 15 – paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem ***wieħed jew aktar***, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni. Dawn l-atturi għandhom jikkooperaw fejn meħtieġ biex jiżguraw	6. Il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali tista' titwettaq minn ħaddiem ***jew ħaddiema ddeżinjati***, minn servizz intern, jew minn servizzi esterni. Dawn l-atturi għandhom jikkooperaw fejn meħtieġ biex

approċċ koerenti u effettiv.	jiżguraw approċċ koerenti u effettiv.

Or. en

Emenda 424
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – titolu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema	***Informazzjoni,*** konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Or. en

Emenda 425
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu kkonsultati u jitħallew jieħdu sehem f'diskussjonijiet fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.	1. L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu kkonsultati u jitħallew jieħdu sehem f'diskussjonijiet fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali. ***Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom fil-proċessi ta' konsultazzjoni.***

Or. en

Emenda 426
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu ***kkonsultati*** u jitħallew jieħdu sehem f'diskussjonijiet fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.	1. L-impjegatur għandu jiżgura li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom jiġu ***infurmati, ikkonsultati*** u jitħallew jieħdu sehem f'diskussjonijiet fl-istadji kollha tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali.

Or. en

Emenda 427
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Tali konsultazzjoni u parteċipazzjoni għandhom jikkonċernaw, b'mod partikolari:	2. Tali ***informazzjoni,*** konsultazzjoni u parteċipazzjoni għandhom jikkonċernaw, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 428
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 2 – inċiż 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– it-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u ***pjanijiet*** ta' ***azzjoni***;	– it-tfassil, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi u ta' ***rimedju tal-valutazzjoni tar-riskju***;

Or. en

Emenda 429
Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– l-involviment, fejn meħtieġ, ta' korpi nazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza biex jimplimentaw soluzzjonijiet li jgħinu biex jipproteġu kontra riskji misjuba/identifikati.

Or. en

Emenda 430
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni għandha ssir fi żmien xieraq u b'mod sinifikanti***, li jippermetti lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżentanti tagħhom jikkontribwixxu għat-teħid tad-deċiżjonijiet u għall-iżvilupp ta' miżuri xierqa***.	4. Il-parteċipazzjoni għandha ssir fi żmien xieraq u b'mod sinifikanti.

Or. en

Emenda 431
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4a. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema huma intitolati li jappellaw, f'konformità mal-liġi nazzjonali, lill-awtorità responsabbli għas-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol jekk iqisu li struttura, proċess jew**

	prattika relatata mal-kundizzjonijiet u l-ġestjoni tax-xogħol, inklużi s-sistemi diġitali relatati ta' monitoraġġ u ġestjoni, jew ma tkunx adegwata għall-finijiet li jiġu żgurati s-sikurezza u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol, jew tpoġġi s-saħħa u s-sikurezza tagħhom f'riskju ta' ħsara psikoloġika jew fiżika.

Or. en

Emenda 432
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 17 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv. ***Huma għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw persunal adegwat u tishih kontinwu tal-mekkaniżmi ta' spezzjoni, sabiex ikunu jistgħu jirrispondu għall-volum u l-kumplessità dejjem akbar tal-inċidenti, kif ukoll iwettqu spezzjonijiet regolari u mmirati. Huma għandhom jiżguraw it-taħriġ speċjalizzat tal-ispetturi dwar kwistjonijiet ta' vjolenza u ta' fastidju, inklużi inċidenti minn partijiet terzi, u jiżguraw l-infurzar effettiv tal-leġiżlazzjoni rilevanti.***

Or. el

Emenda 433
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 17 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u ***jinvestigaw*** dawn ir-riskji b'mod effettiv.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u ***jimmonitorjaw b'mod regolari l-obbligi li jikkonċernaw il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra*** dawn ir-riskji b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 434
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 17 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw***, f'konformità mas-sistemi nazzjonali ta' infurzar,*** li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol jingħataw setgħat, taħriġ, għarfien espert, għodod u riżorsi adegwati fil-qasam tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż bil-ħsieb li jidentifikaw, jivvalutaw u jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 435
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Servizzi tas-saħħa okkupazzjonali
	L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi ta' edukazzjoni u taħriġ relatati mar-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, biex b'hekk jippermettu lill-maniġment, lis-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u lill-professjonisti rilevanti kollha tas-saħħa okkupazzjonali jirċievu taħriġ adegwat, kontinwu u multidixxiplinari dwar ir-riskji psikosoċjali fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tagħhom.

Or. en

Emenda 436
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Prežunzjoni legali u oneru tal-provi	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi prežunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu kompatibbli ma' tali esponiment, għandu jiġi prežunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.	
2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu juri li:	
(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva;	

u

(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli, inklużi mekkaniżmi biex jittaffa l-oneru tal-provi.

Or. en

Emenda 437
Henrik Dahl, Marion Walsmann

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Preżunzjoni legali u oneru tal-provi	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu kompatibbli ma' tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.	
2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu juri li:	
(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva; u	
(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.	
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli, inklużi mekkaniżmi biex jittaffa l-oneru tal-provi.	

Or. en

Emenda 438
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Preżunzjoni legali u oneru tal-provi	
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu kompatibbli ma' tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.	
2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu juri li:	
(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva; u	
(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.	
3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli, inklużi mekkaniżmi biex jittaffa l-oneru tal-provi.	

Or. en

Emenda 439
Arba Kokalari, Angelika Winzig, Jörgen Warborn

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Preżunzjoni legali u oneru tal-provi	
1. L-Istati Membri għandhom	

jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu kompatibbli ma' tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.

2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi għandu jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu juri li:

(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva; u

(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli, inklużi mekkaniżmi biex jittaffa l-oneru tal-provi.

Or. en

Emenda 440
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu ***kompatibbli ma'*** tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ħaddiem jistabbilixxi fatti li minnhom jista' jiġi preżunt li kien espost għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u sofra ħsara f'saħħtu ***li tirriżulta minn*** tali esponiment, għandu jiġi preżunt li l-ħsara hija relatata max-xogħol.

Or. en

Emenda 441
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva***; u***	(a) kienu ttieħdu miżuri preventivi xierqa ***u l-obbligi kollha ġew osservati*** f'konformità ma' din id-Direttiva***.***

Or. en

Emenda 442
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol.	***imħassar***

Or. en

Emenda 443
Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konformità mas-sistemi legali nazzjonali tagħhom u l-prinċipju tas-sussidjarjetà, li l-ħaddiema jkollhom aċċess għal proċeduri effettivi biex jagħtu prova tar-rabta bejn il-ħsara f'saħħithom u xogħolhom. Il-proċedura evidenzjarja trid tilħaq bilanċ ġust bejn il-partijiet, filwaqt li tevita piżijiet sproporzjonati fuq l-impjegaturi filwaqt li tiggarantixxi d-dritt fundamentali tal-ħaddiema għal rimedju ġudizzjarju mingħajr ma tirriskja l-kompetittività tal-impjegaturi

Or. en

Emenda 444
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tingħabar data effettiva għall-fini tal-monitoraġġ tax-xejriet fir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu II. Id-data għandha titħejja f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u tiġi rrapportata regolarment lill-istituzzjonijiet elenkati fil-paragrafu preċedenti.

Or. en

Emenda 445
Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 19 – paragrafu 1 b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sħab soċjali fil-ġbir u l-monitoraġġ tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-effettività ta' miżuri sussegwenti fil-livell nazzjonali.

Or. en

Emenda 446
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 20 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom. ***Is-sanzjonijiet għandhom jinkludu multi amministrattivi proporzjonali għall-fatturat tal-intrapriża, kif ukoll il-possibbiltà ta' sanzjonijiet kriminali f'każijiet ta' ksur serju.***

Or. el

Emenda 447
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Lara Magoni, Chiara Gemma, Geadis Geadi, Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 20 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u	L-Istati Membri***, filwaqt li jqisu l-proporzjonalità u l-impatt fuq l-SMEs,*** għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-

għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Or. en

Emenda 448
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 22 – paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li tiġi implimentata din id-Direttiva.	1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali tagħhom, jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali u biex jippromwovu u jtejbu d-djalogu soċjali bil-ħsieb li tiġi implimentata din id-Direttiva***, bl-għan li jinkiseb livell għoli ta' kopertura ta' negozjar kollettiv***.

Or. el

Emenda 449
Estelle Ceulemans, Johan Danielsson, Marianne Vind, Alicia Homs Ginel, Vilija Blinkevičiūtė, Romana Jerković, Evelyn Regner, Nora Mebarek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe sistema ta' valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali tkun akkumpanjata minn għoti ta' appoġġ aċċessibbli immedjatament. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien tnax-il xahar, tistabbilixxi metodoloġija armonizzata għall-kejl tan-Normalizzazzjoni tal-Ħin għas-Sintomu

(TSN) u għandha tippubblika kull sena indikatur aggregat tal-Ħin ta' Tbatija Salvat (STS) skont l-Istat Membru u skont is-settur.

Or. en

Emenda 450
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – Artikolu 22 – paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw finanzjament pubbliku adegwat għas-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u tas-saħħa mentali għall-ħaddiema.

Or. el

Emenda 451
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI
	RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Or. en

Emenda 452
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – parti introduttorja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-Parlament Ewropew iqis li, jekk il-Kummissjoni, wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt, ikkomplementata minn Test tal-Kompetittività u tal-SMEs, tissottometti proposta dwar il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, l-istress u s-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol, għandhom jiġu inkorporati r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 453
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 1
	Suġġett u skop
	L-għan tal-proposta għandu jkun li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-prevenzjoni, l-eliminazzjoni jew, fejn dan ma jkunx possibbli, it-tnaqqis tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.
	Din għandha tistabbilixxi obbligi organizzattivi, strutturali u parteċipattivi għall-impjegaturi sabiex tiġi protetta s-saħħa mentali u fiżika tal-ħaddiema u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u dinjitużi.

Or. en

Emenda 454
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 2
	Kamp ta' applikazzjoni
	Il-proposta għandha tapplika għall-ħaddiema fis-setturi kollha tal-attività ekonomika, kemm pubbliċi kif ukoll privati, filwaqt li tippermetti adattamenti speċifiċi għas-settur fejn dan ikun iġġustifikat min-natura tal-attività.

Or. en

Emenda 455
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Wouter Beke, Pascal Arimont, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 3
	Definizzjonijiet
	Il-proposta għandha tipprevedi d-definizzjonijiet li ġejjin:
	***(1) "Riskji psikosoċjali relatati max-xogħol" tfisser riskji relatati max-xogħol li jirriżultaw minn esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, li jaffettwaw is-saħħa mentali u fiżika, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema, fejn tista' tiġi stabbilita rabta ċara mal-kundizzjonijiet tax-xogħol; tali riskji jistgħu jwasslu, fost l-oħrajn, għal stress relatat max-xogħol, burnout,**

fastidju, vjolenza, disturbi mentali, inklużi disturbi minn stress postrawmatiku (PTSD), korriment morali u kundizzjonijiet relatati mat-trawma, dipendenza jew imġiba suwiċidali, mard kardjovaskulari u disturbi muskoloskeletali, li jistgħu jwasslu għal telf ta' impjieg, terminazzjoni tal-impjieg, jew pressjoni għar-riżenja;

(2) "Stress relatat max-xogħol" tfisser stat ta' pressjoni fiżika, emozzjonali u psikoloġika li jirriżulta minn esponiment fit-tul għall-eżiġenzi tax-xogħol li jaqbżu l-kapaċità jew ir-riżorsi tal-ħaddiem jew minn esponiment fit-tul għal relazzjonijiet tax-xogħol negattivi u bullying fuq il-post tax-xogħol; huwa kkaratterizzat mhux biss minn sentimenti ta' eżawriment, iżda wkoll minn livelli ogħla ta' tensjoni, ansjetà, jew li wieħed iħossu dejjem li wasal "fit-tarf," b'mod li jirrifletti kemm l-attivazzjoni żejda (stress/ansjetà) kif ukoll l-eżawriment (għeja);

(3) "Fatturi ta' riskju psikosoċjali" tfisser fatturi ta' riskju relatati max-xogħol relatati mal-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, il-kuntest soċjali u relazzjonali u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, inklużi ammont kbir ta' xogħol, intensità għolja ta' xogħol, sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' awtonomija, nuqqas ta' appoġġ mis-superviżuri, fastidju, vjolenza u mġiba diskriminatorja, eżiġenzi emozzjonali għoljin, ksur tad-dinjità personali, żvalutazzjoni tal-identità professjonali, u indeboliment tal-prestazzjoni, intensità diġitali għolja, li wieħed ikun soġġett għal sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet jew ta' monitoraġġ, miri mhux realistiċi;

(4) "Prevenzjoni primarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-eliminazzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fis-sors permezz ta' adattamenti għall-organizzazzjoni, it-tfassil u l-ġestjoni tax-xogħol, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(5) "Prevenzjoni sekondarja" tfisser miżuri mmirati lejn l-identifikazzjoni bikrija u l-ġestjoni f'waqtha ta' eżiti negattivi emerġenti mill-esponiment għal riskji psikosoċjali relatati max-xogħol sabiex tiġi pprevenuta l-progressjoni tagħhom, jitnaqqas l-impatt tagħhom, u jiġi evitat l-iżvilupp ta' eżiti aktar serji, inkluż permezz ta' skrinjar, monitoraġġ u interventi mmirati għall-ħaddiema li juru sinjali inizjali ta' esponiment jew ħsara.

Or. en

Emenda 456
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 4
	Obbligu ġenerali ta' prevenzjoni
	1. L-impjegaturi għandhom jiżguraw il-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol billi:
	(a) jevitaw ir-riskji u jiġġielduhom fis-sors;
	(b) jevalwaw ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
	(c) jadattaw ix-xogħol għall-ħtiġijiet tal-individwu meta jkun possibbli;
	(d) jiżviluppaw politika ta' prevenzjoni globali u koerenti li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;
	(e) jagħtu istruzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema;
	(f) jipprovdu sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji psikosoċjali, is-saħħa mentali fuq il-

post tax-xogħol;

(g) jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi għar-rapportar u l-indirizzar tar-riskji psikosoċjali, filwaqt li jiżguraw li l-ħaddiema jkunu protetti mir-ritaljazzjoni;

2. L-impjegaturi għandhom jiżguraw li r-riżorsi organizzattivi li jappoġġjaw il-prevenzjoni primarja, inklużi l-appoġġ maniġerjali, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u l-aċċess għat-taħriġ, isiru disponibbli u aċċessibbli b'mod effettiv għall-ħaddiema kollha.

Għandhom jipprovdu wkoll taħriġ regolari, immirat, speċifiku għar-rwol u adegwat lill-ħaddiema, lill-maniġers u lis-superviżuri dwar ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol u l-fatturi ta' riskju relatati mal-organizzazzjoni tax-xogħol, id-disinn, il-ġestjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż il-prevenzjoni ta' fastidju, fastidju morali, abbuż tal-awtorità u prattiki maniġerjali mhux xierqa, u jiżguraw li tali taħriġ ikun adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi għas-settur.

3. L-impjegaturi għandhom jadottaw u jimplimentaw kodiċi ta' kondotta li jiddefinixxi u jipprojbixxi l-vjolenza, il-fastidju, il-fastidju morali u d-diskriminazzjoni, inkluża kwalunkwe mġiba li timmina d-dinjità, is-saħħa jew il-benesseri tal-ħaddiema. Dan il-kodiċi ta' kondotta għandu jinkludi proċeduri effettivi għar-rapportar u l-indirizzar ta' tali mġiba, jiżgura l-kunfidenzjalità u jipproteġi lill-ħaddiema mir-ritaljazzjoni, u jkun akkumpanjat minn taħriġ xieraq u miżuri ta' sensibilizzazzjoni.

4. L-impjegaturi għandhom jimplimentaw ukoll miżuri ta' prevenzjoni sekondarji xierqa, inklużi mekkaniżmi ta' detezzjoni bikrija, aċċess għal servizzi tas-saħħa okkupazzjonali, u appoġġ f'waqtu għall-ħaddiema esposti għal riskji psikosoċjali.

Or. en

Emenda 457
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 5
	Inkoraġġiment ta' approċċ proporzjonat għall-valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali
	1. L-impjegaturi huma mħeġġa jirrieżaminaw regolarment l-aspetti psikosoċjali tal-ambjent tax-xogħol, filwaqt li jqisu, fejn rilevanti, il-bidliet organizzattivi jew l-aġġustamenti fl-organizzazzjoni tax-xogħol.
	2. Tali rieżamijiet jistgħu jqisu, fejn xieraq, firxa ta' fatturi psikosoċjali, inkluż l-ammont ta' xogħol u l-intensità tax-xogħol, l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol, il-prattiki ta' rikonoxximent u feedback, ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol, u l-esponiment għal imġiba negattiva bħal fastidju, fastidju morali, vjolenza jew diskriminazzjoni. Tista' tingħata wkoll attenzjoni lill-isfidi li qed jevolvu, bħall-konnettività diġitali, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, is-sigurtà tal-impjiegi u tal-introjtu, u l-użu ta' sistemi diġitali jew awtomatizzati fuq il-post tax-xogħol. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom, fejn fattibbli, jibbażaw fuq metodi xierqa u affidabbli, li jirriflettu n-natura li qed tevolvi tax-xogħol.
	3. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw implimentazzjoni proporzjonata u flessibbli ta' tali approċċi, filwaqt li jqisu d-daqs, is-settur u r-riżorsi tal-impriżi. F'dan il-kuntest, għandhom isiru disponibbli għodod simplifikati u prattiċi, b'mod partikolari għall-SMEs, biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni mingħajr piż amministrattiv żejjed.

4. Meta jitwettqu tali valutazzjonijiet u miżuri ta' segwitu potenzjali, l-impjegaturi huma mħeġġa jikkondividu l-informazzjoni rilevanti mal-ħaddiema b'mod ċar u aċċessibbli u jippromwovu, fejn xieraq, l-involviment tagħhom b'mod kostruttiv u bbilanċjat.

5. Kwalunkwe ristrutturar jew riorganizzazzjoni tax-xogħol jew introduzzjoni tista' tibbenefika milli tkun soġġetta għal valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali minn qabel.

Or. en

Emenda 458
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Wouter Beke, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 6
	Dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur u għal servizzi ta' appoġġ rilevanti
	1. Il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt għal ambjent tax-xogħol psikoloġikament sikur li ma jesponihomx għal riskji psikosoċjali kontinwi relatati max-xogħol u għal prattiki degradanti jew umiljanti li jistgħu jirriżultaw f'impatt negattiv sinifikanti fuq is-saħħa fiżika u mentali tagħhom.
	2. L-impjegaturi għandhom jieħdu miżuri biex jindirizzaw l-istigma relatata mas-saħħa mentali u jiżguraw li t-tfittxija ta' appoġġ psikoloġiku ma twassalx għal konsegwenzi negattivi fuq il-karriera.
	L-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jippromwovu jew jistabbilixxu, fejn dawn ma jeżistux diġà, ċentri speċjalizzati ta' appoġġ għas-saħħa mentali li jistgħu jikkooperaw mal-impjegaturi, man-

negozji, u mal-SMEs sabiex jappoġġjaw lill-ħaddiema permezz tal-użu ta' fondi eżistenti.

Or. en

Emenda 459
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 7
	Appoġġ għal ritorn sostenibbli għax-xogħol
	1. Il-ħaddiema li kienu assenti mix-xogħol minħabba ħsara f'saħħithom marbuta ma' riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, bħal stress relatat max-xogħol, fastidju morali, burnout, fastidju jew vjolenza, għandhom jiġu appoġġjati fir-ritorn tagħhom għax-xogħol b'mod sostenibbli u xieraq.
	2. L-impjegaturi huma mħeġġa, fejn xieraq, iqisu arranġamenti flessibbli u proporzjonati biex jiffaċilitaw tali ritorn, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni tal-ħaddiem kif ukoll il-ħtiġijiet u r-riżorsi operazzjonali tal-impriża. Dan jista' jinkludi, fejn rilevanti, it-tkomplija gradwali tax-xogħol, aġġustamenti temporanji għall-kompiti jew għall-ħin tax-xogħol, jew miżuri prattiċi oħra mmirati biex jappoġġjaw ir-riintegrazzjoni fuq il-post tax-xogħol.
	Tali arranġamenti jistgħu, fejn fattibbli, jiġu żviluppati fi djalogu mal-ħaddiem ikkonċernat u b'mod li jirrispetta n-natura volontarja tal-proċess.
	3. L-impjegaturi huma mħeġġa wkoll iżommu komunikazzjoni xierqa matul il-perjodu ta' ritorn għax-xogħol u jadattaw, fejn rilevanti, kwalunkwe miżura ta'

appoġġ b'mod flessibbli.

4. Fejn xieraq, l-esperjenza minn sitwazzjonijiet ta' ritorn għax-xogħol tista' titqies fi prattiki usa' fuq il-post tax-xogħol, bil-ħsieb li jiġi promoss il-benesseri fuq il-post tax-xogħol u titnaqqas il-probabbiltà ta' sitwazzjonijiet simili fil-futur. Il-ħaddiema li jirritornaw wara assenza għandhom jiġu ttrattati b'mod ġust u b'appoġġ adegwat.

Or. en

Emenda 460
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 8
	Rapportar u protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni
	1. Il-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw riskji psikosoċjali relatati max-xogħol, inkluż permezz ta' kanali anonimi jew kunfidenzjali fejn xieraq.
	2. Għandhom ikunu stabbiliti salvagwardji xierqa biex jgħinu fil-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew żvantaġġ marbuta ma' tali rapportar.
	3. Dawn l-approċċi għandhom jiġu applikati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1937 u l-liġijiet u l-prattiki nazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 461
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 9
	Dritt għall-iskonnessjoni
	1. Il-ħaddiema ma għandhomx ikunu mistennija jinvolvu ruħhom f'komunikazzjonijiet jew kompiti relatati max-xogħol barra mill-ħin tax-xogħol tagħhom, f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali dwar il-ħin tax-xogħol u l-arranġamenti tad-disponibbiltà.
	2. L-impjegaturi huma mħeġġa jiżguraw li l-għodod diġitali u l-organizzazzjoni tax-xogħol jappoġġjaw ir-rispett għal dan il-prinċipju, filwaqt li jqisu forom differenti ta' organizzazzjoni tax-xogħol u jiżguraw approċċ ibbilanċjat li jipprovdi flessibbiltà kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-impjegaturi.
	3. Fejn isseħħ komunikazzjoni meħtieġa relatata max-xogħol, tista' tingħata kunsiderazzjoni, f'konformità mal-prattiki nazzjonali, għal forom xierqa ta' kumpens jew arranġamenti ta' kumpens.

Or. en

Emenda 462
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 10
	Servizzi ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni għal riskji psikosoċjali
	1. L-impjegaturi għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti arranġamenti xierqa għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji

psikosoċjali fi ħdan l-impriża u/jew l-istabbiliment, billi l-ewwel jagħmlu użu mill-kompetenzi u r-riżorsi interni disponibbli, u fejn dawn ma jkunux biżżejjed, billi jinvolvu servizzi jew persuni esterni kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kapaċitajiet u l-kwalifiki meħtieġa fil-qasam tal-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali.

Or. en

Emenda 463
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 11
	Involviment tal-ħaddiema
	1. L-impjegaturi huma mħeġġa jiżguraw li l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunu infurmati u kkonsultati kif xieraq, u, fejn rilevanti, involuti fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali, inkluż permezz ta' miżuri edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni xierqa.
	2. Tali involviment jista', fejn xieraq, ikopri l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri proporzjonati, u r-rieżami tal-effettività tagħhom.
	3. Il-parteċipazzjoni tista' ssir b'mod f'waqtu u xieraq, li jippermetti kontribut kostruttiv mill-ħaddiema u/jew mir-rappreżentanti tagħhom, filwaqt li tiġi rrispettata l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-istrutturi stabbiliti tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
	4. Dawn l-approċċi għandhom jibqgħu flessibbli u konsistenti mal-liġijiet

nazzjonali, il-prattiki u l-organizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Emenda 464
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 12
	Spezzjonijiet tax-xogħol
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ispezzjoni tax-xogħol ikunu mgħammra b'setgħat xierqa, kif ukoll it-taħriġ, l-għarfien espert, l-għodod u r-riżorsi meħtieġa biex jindirizzaw ir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol. Tali miżuri għandhom jippermettu li l-ispezzjonijiet jidentifikaw, jivvalutaw u, fejn meħtieġ, jinvestigaw dawn ir-riskji b'mod effettiv, b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju, proporzjonat u allinjat mas-sistemi nazzjonali, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi żejda fuq l-impjegaturi.

Or. en

Emenda 465
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 13
	Oneru tal-provi
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li,

meta ħaddiem jippreżenta indikazzjonijiet ċari u suffiċjenti ta' esponiment għal fatturi ta' riskju psikosoċjali relatati max-xogħol u ħsara fis-saħħa korrispondenti, tista' tiġi stabbilita preżunzjoni ta' relazzjoni max-xogħol.

2. F'każijiet bħal dawn, l-oneru tal-provi jista' jaqa' fuq l-impjegatur, li għandu jkun jista' juri li:

(a) ġew implimentati kif xieraq miżuri preventivi xierqa u proporzjonati; u

(b) il-ħsara fis-saħħa mhijiex marbuta b'mod kawżali mal-ambjent tax-xogħol.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu l-flessibbiltà li jipprevedu dispożizzjonijiet aktar favorevoli f'konformità mal-prattiki nazzjonali, inkluż mekkaniżmi bbilanċjati biex jiffaċilitaw il-preżentazzjoni tal-evidenza, filwaqt li jiżguraw iċ-ċertezza legali u jevitaw piżijiet amministrattivi sproporzjonati fuq l-impjegaturi u pretensjonijiet bla bażi.

Or. en

Emenda 466
Eleonora Meleti, Rosa Estaràs Ferragut, Liesbet Sommen, Giusi Princi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid) – Rakkomandazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Rakkomandazzjoni 14
	Monitoraġġ u ġbir ta' data
	Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), għandha timmonitorja x-xejriet fir-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol fl-Istati Membri kollha.

Or. en